FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI
BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D

Illum, 9 ta' April 2025

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**vs**
**Tristan Farrugia Tedesco**

Każ. nru. 612/2024 AMT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Tristan FarrugiaTedesco**, iben Josephine Tedesco, imwieled il-Pieta nhar is-16 ta' Ottubru 1996 u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 436596M, akkużat talli:

Nhar id-19 ta' Ottubru 2023 għall-ħabta ta' bejn in-nofs siegħa (12:30) u s-sagħtejn u nofs ta' wara nofsinhar (14:30) ġewwa Triq San Duminku, Valletta:

1. Ikkommetta serq ta' vettura u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur liema valur tal-ħaġa misruqa jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan sar għad-detriment ta' David Tabone u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita` u/jew entitajiet oħra.

Nhar l-20 ta' Ottubru 2023, ġewwa n-Naxxar:

2. Naqas milli jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu mill-Pulizija jew minn uffiċjal ieħor ta' awtorita oħra waqt il-qadi ta' dmirijiethom jew ma ħalliex jew fixkilhom b'xi mod jew bla jedd indaħal fl-istess dmirijiet billi ma ħallihomx jagħmlujew ħassar dak li kienu qed jagħmlu;
3. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż;
4. Waqt li kien qiegħed isuq il-vettura, eċċeda il-limitu ta' veloċita;
5. Naqas milli jipproduċi il-polza tal-assikurazzjoni hekk kif ġie mitlub mill-Pulizija;
6. Bħala persuna kiser il-paċi pubblika u l-bon ordni b'għajjar u storbju jew b'mod ieħor;

Nhar id-19 ta’ Ottubru 2023, għal ħabta ta’ bejn 12.30pm u 2.30pm ġewwa Triq San Duminku, Valletta:

7. Xjentement laqa` għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tqis lill-imputat Trsitan Farrugia Tedesco bħala li sar reċidiv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta wara li kien instab ħati ta’ diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 15A u 532A *et seq* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, u sabiex tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta’ spejjeż li għandhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti fil-proċeduri, kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat il-provi, l-atti u d-dokumenti;

Rat illi waqt is-seduta tas-26 ta’ Marzu 2025 l-imputat, debitament assistit mill-avukat tal-fiduċja tiegħu, iddikjara illi xtaq jirreġistra ammissjoni fir-rigward tal-akkuża dedotta kontra tiegħu.

Rat illi l-imputat ikkonferma din l-ammissjoni wara li l-Qorti, a tenur tal-Artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, avżatu bl-aktar mod solenni u b’lingwaġġ li jinftiehem bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa jikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu, jirrikkonsidra d-dikjarazzjoni tiegħu u jerġa lura minnha.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkonsidrat;**
Fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-ewwel, it-tieni imputazzjoni, ir-raba` u s-sitt imputazzjoni.

Fir-rigward tat-tieni u s-sitt imputazzjoni, li huma ta’ natura kontravvenzjonali, il-Qorti rat illi id-data meta allegatament ġew kommessi dawn il-kontravvenzjonijiet hija l-20 ta’ Ottubru 2023, filwaqt li l-akkużi inħarġu fil-5 ta’ Awissu 2024, u ċioe kważi sena wara l-allegat akkadut. Ai termini tal-artikolu 688(f) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta l-azzjoni kriminali fir-rigward ta’ kontravvenzjonijiet taqa’ bi preskrizzjoni ta’ tliet xhur. Għaldaqstant it-tieni u s-sitt imputazzjoni huwa manifestament preskritti u l-imputat għandu jiġi liberat minnhom minkejja l-ammissjoni reġistrata minnu.

Fir-rigward tas-seba` imputazzjoni, il-Qorti tosserva illi din l-akkuża ta’ riċettazzjoni hija alternattiva għall-ewwel imputazzjoni ta’ serq, kif dikjarat mill-prosekutur stess waqt is-seduta tas-26 ta’ Marzu 2025. Għaldaqstant, ladarba l-imputat qiegħed jinstab ħati tal-ewwel imputazzjoni, il-Qorti ser tilliberah mis-seba` imputazzjoni.

Fir-rigward tal-piena, waqt is-seduta tas-26 ta' Marzu 2025 il-partijiet iddikjaraw li kien qed jaqblu li l-piena m'għandhiex tkun waħda ta' priġunerija effettiva, u li minflok l-imputat għandu jitqiegħed taħt Ordni ta' Probation, in vista tal-progress li l-imputat kien qed juri fir-riabilitazzjoni tiegħu waqt il-mori tal-kawża, u in vista tad-dikjarazzjoni tal-vittma illi kien qiegħed jaħfer lill-imputat.

Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Rittmar Hatherly** et deċiża fid-9 t'Ottubru 2008, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet hekk:

> *"*Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu **Principles of Sentencing** (Heinemann, London, 1979):
> *"The term 'inadequate recidivist' is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited ... … As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote" (pp. 22, 23).*"

Fil-każ odjerna jidher illi l-imputat għamel l-almu tiegħu sabiex jirriabilita ruħu, u filfatt waqt il-mori tal-kawża huwa daħal fi program għar-riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. Iż-żewġ partijiet qablu li l-imputat għamel progress sostanzjali, u l-Qorti taqbel magħhom li fid-dawl ta' dawn, minflok piena karċerarja ikun aktar idoneju li l-imputat jitqiegħed taħt Ordni ta' Probation sabiex dan jirrifletti l-isforz li l-imputat qed jagħmel biex ittejjeb ħajtu filwaqt illi ikompli jingħata l-għajnuna u s-superviżjoni li jeħtieġ sabiex ikompli miexi fit-triq it-tajba.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti:

i. Tiddikjara it-tieni u s-sitt imputazzjoni preskritti ai termini tal-artikolu 688(f) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tillibera lill-imputat minn dawn l-imputazzjonijiet;
ii. Issib lill-imputat mhux ħati tas-seba` imputazzjoni u tilliberah mill-istess;
iii. Wara li rat l-artikoli 261(c), 267, 279(b), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1)(a), 15(2), u 55(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-regolament 127 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11, u l-artikolu 8(1) u 22 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, issibu ħati tal-ewwel, it-tielet, ir-raba` u l-ħames imputazzjoni, u bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tpoggih taħt Ordni ta' Probation għal tlett (3) snin, skont it-termini msemmija fid-digriet li qed jiġi anness ma' din is-sentenza.

Ai termini tal-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda inoltre tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal tmint ijiem.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu jekk jonqos milli jikkonforma ruħu ma xi rekwiżit jew kondizzjoni tal-Ordni ta' Probation.

Il-Qorti tordna, ai termini ta' l-Artikolu 392A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-Avukat Ġenerali tingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

Dr. Ann Marie Thake
Maġistrat

Ylenia Spiteri
Deputat Reġistratur